# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 23 ta' April 2001**

**Avviz. numru 1417/00**

**Numru 50**

**One Productions Limited**

**vs**

**Edward Smith, ezercjenti l-kummerc bl-isem ta' Granny Smith**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tlett mija u ghaxar liri u sittin centezmu (Lm310.60) dovuti lis-socjeta attrici ghal servizzi ta' riklamar rezi lill-konvenut u dan fuq ordnijiet tieghu stess (Dok A1).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-8 t'Awissu 2000 u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-nota ta' cessjoni tat-28 ta' Marzu 2001 li biha s-socjeta' attrici cediet l-istess meritu tal-kawza pero zammet ferm fuq il-kap tal-ispejjez.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-28 ta' Marzu 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum u b'hekk in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-meritu ta' dan il-kaz tilqa t-talba tas-socjeta' attrici in rigward l-kap tal-ispejjez u tikkundanna lill-istess konvenut sabiex jhallas lis-socjeta' attrici l-ispejjes kollha inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Awissu 2000.

Alan Calleja
Dep.Reg